MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1928/1998/1

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta` attrici ppremettiet illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta’ tlett elef sitt mija disgha u ghoxrin Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmi (Lm3,629.28) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta’ apparat ta’ computer hardware u software (“l-apparat”) mibjugh mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta, liema apparat gie debitatament accettat minn u konsenjat lis-socjeta` konvenuta fuq ordni u inkarigu specifiku taghha, liema prezz dovut jirrizulta mill-istatements tas-socjeta` attrici hawn annessi u mmarkati dokumenti ittri “A” u “B” kif sorrett mill-invoices mahruga mis-socjeta` attrici hawn annessi u mmarkati dokumenti ittri “C” sa “M” konsekuttivament u kumulattivament;

Premess illi s-socjeta` konvenuta wara li giet interpellata sabiex thallas dan l-ammont baqghet inadempjenti;

Premess li l-kreditu tas-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm3,629.28 huwa cert, likwidu u esigibbili, u sa fejn taf is-socjeta` attrici, s-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda difiza valida opponibbili f'din il-kawza kontra t-talba tas-socjeta` attrici ghall-hlas ta' dik is-somma, u dan kif jidher mill-affidavit ta' Paul Berman, ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici, hawn anness document ittra "X";

Ghaldaqstant is-socjeta` attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti :

1. Taghti sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167 – 170 tal-Kodici ta' l-Organizzazjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u

2. Tikkundanna minnufih lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' Lm3,629.28 hawn fuq imsemmija u dovuta kif intqal aktar-il fuq;

Bl-imghax mid-data ta' kull *invoice* sal-gurnata tal-pagament effettiv, bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tas-16 ta' Dicembru,1997, ta' l-ittra ufficjali mibghuta nhar it-18 t'April, 1998 kif ukoll ta' diversi mandati ta' qbid u mandati ta' sekwestru, inluz dawk prezentati kontestwalment ma dan l-att tac-citazzjoni, kollox kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa r-rapprezentanti taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process.

Rat l-affidavit ta' Paul Berman a fol. 5 tal-process.

Rat li-*statements* u l-*invoices* relattivi annessi u mmarkati bhala Dok A sa Dok M a fol. 6 sa 18 tal-process.

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Ottubru, 1998 dehru l-konvenuti fejn issottomettew li huma kellhom jiehdu minghand is-socjeta` attrici u ghaldaqstant il-Qorti taghthom ghoxrin (20) gurnata sabiex jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom.

Rat in- **Nota ta' Eccezzjonijiet** tas-socjeta` konvenuta a fol. 23 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur noe in kwantu l-apparat ta' *computer hardware* u *software* imsemmi fic-Citazzjoni odjerna ma kinux tal-kwalita` pattwita u lanqas ma kienu idonei ghall-uzu mehtieg mis-socjeta` eccipjenti, kif jista` jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif, del resto, gie notifikat immedjatament wara l-konsenja mill-eccipjenti lis-socjeta` attrici.

2. Illi inoltre` kien hemm anke difett fil-konsenja ta' materjal, peress illi s-socjeta` attrici naqset milli tikkonsenja certu *software* ancillari illi kellu jigi kkonsenjat lill-eccipjenti hekk kif kien pattwit primarjament bejn il-partijiet, liema konsenja baqghet qatt ma saret minkejja d-diversi interpellazzjonijiet li saru mill-eccipjenti.

3. Illi oltre` dan, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` attrici hija debitrici fil-konfront ta' l-eccipjenti fl-ammont ta' tlett elef mija u sitta u tletin Lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm3,136.91), ammont rapprezentanti reklami illi s-socjeta` attrici kkummissjonat fir-rivista mensili The Malta Review prodotta u ppublikata mis-socjeta` eccipjenti, hekk kif jirrizulta mill-*invoices* relattivi, illi kopji taghhom huma hawn annessi u mmarkati bhala Dok. A, B, C u D rispettivament, liema ammont qieghed jifforma l-meritu ta' kontro-talba prezenzjalment sollevata.

4. Illi ghalhekk, u interament minghajr pregudizzju ghal fuq premess, is-socjeta` eccipjenti trid illi, jekk talvolta jigi deciz illi t-talbiet attrici jimmeritaw konferma, l-ammonti ghandhom jigu pacuti ma' dawk dovuti mis-socjeta` attrici lill-istess eccipjenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta a fol. 24 tal-process.

Rat **il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta** a fol.26 tal-process fejn ippremettiet illi s-socjeta` rikonvenjenti giet inkarigata mis-socjeta` rikonvenuta sabiex tippublika reklami fir-rivista mensili The Malta Review, versu l-hlas komplessiv ta' tlett elef mija u sitta u tletin Lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm3,136.91), hekk kif jirrizulta mill-*Invoices* relattivi li kopji taghhom qed jigu hawn ezebiti u mmarkati bhala Dok. A, B, C u D rispettivament.

Premess illi s-socjeta` rikonvenjenti adempiet pjenament u b'success ghall-inkarigu lilha moghti mis-socjeta` rikonvenuta u ppublikat reklami tas-socjeta` rikonvenuta fl-edizzjonijiet ta' Dicembru 1996, u tax-xhur ta' Jannar, Marzu, April u Gunju tas-sena 1997, li kopja ta' kampjun taghhom qieghda tigi hawn annessa u esebita, u mmarkata bhala Dok. E;

Premess illi minkejja li giet debitament interpellata sabiex thallas dan l-ammont hekk dovut, is-socjeta` rikonvenuta baqghet inadempjenti;

Talbet ghalhekk is-socjeta` rikonvenjenti lil din il-Qorti:

Tikkundanna lis-socjeta` rikonvenuta thallas lis-socjeta` rikonvenjenti s-somma ta' tlett elef mija u sitta u tletin Lira Maltin wiehed u disghin centezmu (Lm3,136.91), ammont dovut in linea ta' lill-istess socjeta` rikonvenjenti, kif fuq premess.

Bl-ispejjez, u interessi legali mid-data ta' meta gew kuntrattati kull wiehed mid-debiti kummercjali relattivi sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` rikonvenuta, li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat **in-Nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` rikonvenuta** Jagrove Services Limited ghall-kontro-talba imressqa mis-socjeta` rikonvenjenti Bacom Limited fejn eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet tas-socjeta` rikonvenjenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta`

rikonvenjenti stante li qatt ma sar ftehim bejn il-partijiet dwar il-pubblikazzjonijiet kollha pretizi mis-socjeta` rikonvenjenti fir-rivista mensili “The Malta Review”, izda kien hemm ftehim li kien ikopri pubblikazzjoni wahda fl-ewwel edizzjoni liema pubblikazzjoni kienet intiza sabiex tpaci l-element ta’ imghax fuq l-ammont fuq l-ammonti dovuti minn Bacom Limited lill-Jagrove Services Limited meritu tac-citazzjoni numru 1928/1998.

2. Illi inoltre, qatt ma sar ftehim bejn il-partijiet fuq pubblikazzjonijiet ulterjuri u fuq il-prezz ta’ dawn il-pubblikazzjonijiet u ghalhekk qatt ma kien hemm relazzzjoni kontrattwali bejn il-partijiet fuq dawn l-istess pubblikazzjonijiet pretizi mis-socjeta` rikonvenjenti.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` rikonvenuta a fol. 36 tal-process.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret beda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONTESTAZZJONI**

Illi fil-premessi taghha is-socjeta` attrici isottomettiet illi l-ammont minnha reklamat huwa dovut mis-socjeta’ konvenuta bhala bilanc ta’ prezz ghal apparat ta’ *computer hardware* u *software* minnha kkonsenjat.

Illi s-socjeta` konvenuta kkontestat it-talba attrici u fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha eccepiet li l-apparat ma kienx tal-kwalita patwita`, li kien hemm difett fil-konsenja u inoltre resqet kontrotalba taghha ghall-hlas mis-socjeta` attrici ta’ ammonti dovuti lilha mis-socjeta` attrici rappresentanti kontijiet ghal servizzi ta’ reklamar fir-rivista minnhom pubblikata.

Is-socjeta` attrici fil-kwalita` ta' rikonvenuta issottomettiet illi tali ammont reklamat mis-socjeta` konvenuta in via ta' kontrotalba mhux dovut stante illi tali servizzi ma kienux rikjesti mis-socjeta` attrici tranne l-ewwel wiehed, kif ukoll a bazi ta' l-allegazzjoni illi ma kien hemm ebda ftehim bejn il-partijiet dwar il-prezz, kif ukoll illi l-unika ftehim li kien hemm kien li r-reklam kellu jikkompensa ghall-interessi li kienu qed jiddekorru fuq il-bilanc tal-prezz tal-merkanzija kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta.

**PROVI**

Ghas-socjeta` attrici xehed Paul Berman fil-kwalita` tieghu ta' Managing Director tal-istess socjeta` attrici li xehed dwar il-merkanzija kkonsenjata, dwar l-accettazzjoni taghha mis-socjeta konvenuta u dwar il-ftehim bejn il-partijiet dwar il-prezz tar-reklami li kellu jigi kkompensat billi ma jinzammux interessi fuq l-ammont dovut mis-socjeta` konvenuta. Xehed ukoll li s-socjeta` konvenuta baghtitilhom *invoices blank* meta saru r-reklami. Inoltre l-istess xhud ikkontenda li qatt ma kien hemm ilmenti dwar difetti tranne darba fis-sena 1997, jigifieri sena wara l-konsenja li sehhet f'Ottubru 1996. Xehed ukoll li l-ewwel darba li rcevew l-invoices mertu tal-kontrotalba tas-socjeta` konvenuta kien f'perijodu li jigi ferm wara li saru r-reklami u ntbaghtu l-*blank invoices.*

Is-socjeta`attrici rrikonfermat il-verzjoni moghtija minn Paul Berman, permezz tax-xhieda moghtija minn Colette Berman, kif ukoll ipprezentat tlett blank invoices mibghuta lis-socjeta` attrici datati 7 ta' Jannar, 1997,13 ta' Marzu, 1997 u 2 ta' April,1997 (fol. 51-53) liema invoices igibu l-istess data u numru tal-invoices bhal dawk prezentati mis-socjeta` konvenuta a fol. 28, a fol. 29, a fol.30. Is-socjeta` attrici pprezentat diversi *invoices* illi gew imhallsa mis-socjeta` konvenuta in konnessjoni mall-apparat ikkonsenjat minnha lis-socjeta` konvenuta. Is-socjeta' attrici ssostni li l-*computer* kien thallas u li hi ma kelliex x'taqsam ma l-istallazzjoni tan-network.

Il-Qorti ikkunsidrat illi dawn il-fatti jikkostitwixxi accettazzjoni da parti tas-socjeta` konvenuta tal-apparat supplit mis-socjeta` attrici.

Il-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi nonostante d-diversi opportunitajiet li nghataw lis-socjeta` konvenuta, qatt ma tressqet ebda prova sabiex tirribatti t-talbiet attrici u tikkorrabora u tissostanzja l-kontro-talba minnha avvanzata.

Mill-provi prodotti ghalhekk jirrizulta li t-talbiet attrici huma sodisfacentement ippruvati.

## DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi
tilqa’ t-talbiet attrici
Bl-imghax kif mitlub
U bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.
U tichad il-kontrotalba spejjez ghal konvenuti

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------